

Brussell, 1 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

12752/25

POSTES 5
UD 219

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 506 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-28 Kungress tal-Unjoni Postali Universali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 506 final.

Mehmuż: COM(2025) 506 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2025
COM(2025) 506 final

2025/0284 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-28 Kungress tal-
Unjoni Postali Universali**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni mill-Istati Membri fit-28 Kungress tal-Unjoni Postali Universali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-UPU) b'rabta ma' rapport tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-UPU li l-Kungress se jieħu nota tiegħu u l-Anness I tiegħu li fih interpretazzjoni li tqis Att tal-UE bħala inkompatibbli mar-regoli tal-UPU kif ukoll proposti relatati mas-sigurtà u mad-dwana sottomessi lill-Kungress (il-proposti 9 u 15). Dawn il-proposti huma relatati wkoll ma' ħidma ulterjuri tal-korpi tal-UPU (il-Kunsill tal-Amministrazzjoni, il-Kunsill tas-Servizzi tal-Posta) fiċ-ċiklu ta' Dubai u bidliet possibbli fl-atti legali tal-UPU (il-Kostituzzjoni, il-Konvenzjoni) li għandhom jiġu proposti fid-29 Kungress Universali fl-2029.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-Unjoni Postali Universali

Il-Konvenzjoni dwar l-Unjoni Postali Universali (minn hawn 'il quddiem il-Konvenzjoni tal-UPU) għandha l-għan li tirregola l-iskambji internazzjonali tal-posta u tistandardizza u tiffaċilita l-proċeduri u l-imposti rilevanti. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1874 u stabbilixxa l-Unjoni Postali Universali. Fl-1948, l-UPU saret aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Unjoni Postali Universali hija l-korp rappreżentattiv globali li jikkordina l-politiki postali fost il-pajjiżi membri u li jiffaċilita sistema postali uniformi madwar id-dinja.

Filwaqt li l-UE ma hijiex membru tal-UPU, l-Istati Membri kollha tagħha huma membri. Madankollu, il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala osservatur formali (irrapreżentat mill-Kummissjoni Ewropea) ġiet miftiehma fil-Kungress tal-2012 f'Doha¹.

2.2. Il-Kungress tal-UPU

Il-Kungress tal-UPU huwa l-awtorità suprema tal-Unjoni Postali u jikkonsisti f'rappreżentanti plenipotenżjarji tal-pajjiżi membri tagħha. Fil-prinċipju, jiltaqa' kull 4 snin. Il-Kungress jeżerċita s-setgħat kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-UPU li ma ġewx fdati b'mod espliċitu lil korp ieħor mill-atti tal-Unjoni. Dawn jinkludu s-setgħa li jiġu emendati l-Kostituzzjoni tal-UPU, il-Konvenzjoni Postali Universali u l-Ftehimiet Speċjali. Il-Kungress jista' jadotta wkoll riżoluzzjonijiet, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet formali, li flimkien jiffurmaw id-Deċiżjonijiet tal-Kungress.

2.3. L-att previst tal-Kungress tal-UPU

Fit-28 Kungress tal-UPU, qiegħed jiġi propost li tittieħed nota tar-rapport imħejji mill-Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-UPU u li tiġi approvata proposta ta' natura ġenerali relatata mal-ħidma ulterjuri fl-iżvilupp tal-politika doganali u tal-qafas regolatorju (il-proposta 9). Barra minn hekk, tressqet proposta oħra (il-proposta 15) mill-Istati Uniti tal-Amerka li fiha elementi relatati mas-sigurtà tat-trasport u mad-dwana. Se ssir ħidma ulterjuri tal-korpi tal-UPU abbażi ta' dawn il-proposti fiċ-ċiklu ta' Dubai u possibbilment jistgħu jiġu proposti modifiki tal-atti (il-Kostituzzjoni, il-Konvenzjoni) għad-29 Kungress Postali Universali fl-2029.

L-għan tal-proposta 9 huwa li jiġi indirizzat it-tħassib espress minn ċerti pajjiżi membri tal-UPU permezz tas-segretarjat tal-UPU dwar kontradizzjoni potenzjali tal-Kodiċi Doganali tal-

¹ Id-Dokument tal-Kunsill 9341/12 tat-8 ta' Mejju 2012; ir-Riżoluzzjoni C 78 tal-Kungress Postali Universali (Doha 2012).

Unjoni (KDU)² mal-atti tal-UPU fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iskambju u l-ġbir tad-data elettronika bil-quddiem, jiġifieri fil-kuntest tal-UE b'rabta mad-dispożizzjonijiet tan-notifiki fil-qosor tad-dħul (ENS, entry summary notifications).

Dawk il-pajjiżi membri jfittxu li jagħmlu distinzjoni legali bejn “tranżitu/trażbord” minn naħa u “importazzjoni” (jiġifieri merkanzija b'destinazzjoni finali fl-UE) min-naħa l-oħra, li jimplika li l-KDU u d-Data Elettronika bil-Quddiem (EAD, Electronic Advance Data) tiegħu appoġġati mis-Sistema ta' Kontroll tal-importazzjoni 2 (ICS2, Import Control System 2) huma “legalment validi/applikabbli” għall-importazzjoni biss. Dawn il-membri saħqu li l-prinċipju tal-“Libertà tat-Tranżitu” kif minqas fl-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni tal-UPU huwa għalhekk meqjus miksuri skont ir-rekwiżiti legali tal-KDU għas-sottomissjoni tal-ENS fl-ICS2, speċifikament l-Artikolu 113(a)(2) u (4) tal-Att Delegat tal-KDU³.

Fir-raba' Kungress Straordinarju tal-UPU li sar f'Riyadh fl-2023, wara diskussjoni dwar l-isfidi li jirriżultaw għall-operaturi maħtura tal-UPU mir-rekwiżiti tar-reġimi regolatorji tad-data elettronika bil-quddiem, ġiet stabbilita task force biex tanalizza l-kwistjonijiet legali, operazzjonali, regolatorji u tekniċi assoċjati mar-rekwiżiti doganali u tas-sigurtà emerġenti fir-rigward tal-EAD, b'enfasi partikolari fuq il-miżuri tal-Unjoni Ewropea skont l-ICS2.

It-task force kienet assistita mill-konsulent legali tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-UPU (UPU IB, UPU International Bureau), li wettaq il-valutazzjoni legali tiegħu stess tal-impatt potenzjali tal-miżuri tal-UE dwar il-prinċipji fundamentali ta' territorju postali uniku u l-libertà tat-tranżitu skont l-Att tal-UPU, u l-konsistenza magħhom, (b'mod partikolari l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni bejn oġġetti domestiċi u internazzjonali).

Il-valutazzjoni legali tal-konsulent legali tal-UPU IB hija tal-opinjoni li r-rekwiżiti tal-EAD tal-UE (fil-forma tal-ENS), speċifikament dawk li jikkonċernaw merkanzija li qatt ma hija maħsuba li tiġi importata, iżda li minflok tgħaddi mill-UE, huma f'kontradizzjoni ma' dawn il-prinċipji fundamentali. L-argument imressaq huwa li d-dispożizzjonijiet tal-KDU jiddiskriminaw kontra t-trattament tal-oġġetti postali internazzjonali meta mqabbla mal-oġġetti domestiċi fil-kuntest ta' dawn il-“movimenti ta' tranżitu”, billi jitolbu lill-operaturi postali f'pajjiżi terzi jippreżentaw ENS għal pakketti mibgħuta permezz tal-UE, filwaqt li jeżentaw minn dak l-obbligu pakketti mibgħuta minn operatur postali fl-UE lejn Stat Membru ieħor, in-Norveġja jew l-Iżvizzera.

Il-proposta 15, sottomessa mill-Istati Uniti tal-Amerka, tikkonċerna l-bidu ta' xogħol biex jittejjbu l-implimentazzjoni, it-titjib u l-aġġornament tal-istandards u l-protokoll fi ħdan l-UPU relatati ma' merkanzija perikoluża u pprojbita għat-titjib tas-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport kif ukoll għall-għieda kontra l-utilizzazzjoni tal-flussi internazzjonali tal-posta għat-trasport ta' oġġetti perikolużi u pprojbiti.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Is-suġġett tal-proposti li għandhom jiġu ppreżentati fil-Kungress tal-Unjoni Postali Universali (UPU) li ġej jaqa' sew taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri kollha japplikaw l-istess tariffa u regoli doganali. Il-leġislazzjoni doganali tal-Unjoni (KDU) tistabbilixxi miżuri importanti ta' sigurtà doganali bl-għan li jiżguraw li l-amministrazzjonijiet doganali jkunu jistgħu jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà u għas-sikurezza tal-Unjoni u tar-

² Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

residenti tagħha jew għall-ktajjen tal-provvista tat-trasport qabel ma l-merkanzija tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni. Dan huwa appoġġat mill-ICS2 u mill-EAD il-ġodda, li jeħtieġ jiġu pprovduti lill-awtoritajiet doganali permezz tal-ICS2 mill-operaturi kummerċjali, inklużi l-operaturi postali. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li tiġi stabbilita pożizzjoni waħda fir-rigward tar-rapport imħejji mill-UPU IB u li tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri tal-UE fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-UPU.

Dawn il-miżuri huma konsistenti mar-regoli u mal-istandards internazzjonali żviluppati skont l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO, World Customs Organisation), l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation organisation), kif ukoll l-oqfsa tal-UPU.

Kien permezz tal-pożizzjoni konsistenti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri li d-dispożizzjonijiet tal-KDU rigward is-sottomissjoni tal-ENS biex titwettaq analiżi tar-riskju antiċipata għal finijiet ta' sikurezza u sigurtà f'każ ta' tranżitu/trażbord ma jiksrux il-prinċipju tal-“libertà tat-tranżitu” kif minqax fl-Artikolu 1 tal-UPU. Il-fatt li l-kunsinni postali skont il-Konvenzjoni tal-UPU qed jgħaddu mit-territorju doganali tal-UE u, għalhekk, huma soġġetti għal superviżjoni doganali u jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli doganali ma jfissirx li ma humiex intitolati għal tranżitu “liberu”.

Barra minn hekk, il-“libertà tat-tranżitu” skont l-atti tal-UPU ma tfissirx li s-superviżjoni doganali jew ir-regoli dwar il-kontroll doganali ma japplikawx għal dan il-moviment ta' merkanzija. Il-KDU ma jipprovdni l-ebda eżenzjoni mill-kontrolli doganali u mis-superviżjoni doganali (id-definizzjonijiet rispettivi fl-Artikolu 5(3) u (27) tal-KDU), li jridu jitwettqu biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u leġiżlazzjonijiet oħra li jirregolaw it-tipi kollha ta' moviment ta' merkanzija.

Barra minn hekk, il-“libertà tat-tranżitu” ma hijiex prinċipju assolut. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-UPU jimponi li l-pajjiżi membri u l-operaturi maħtura tagħhom jadottaw u jimplimentaw strateġija proattiva ta' sigurtà fil-livelli kollha tas-servizzi tal-posta biex iżommu t-trasport sikur u sigur u t-tranżitu tal-posta bejniethom. Għalhekk, it-tranżitu ma huwiex eskluż skont il-Konvenzjoni tal-UPU meta jiġu applikati miżuri ta' sigurtà. Dan, skont il-perspettiva tagħhom, jikkonsisti miż-żamma u t-tisħiħ tal-fiduċja tal-pubbliku ġenerali fis-servizzi postali pprovduti minn operaturi maħtura. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li fl-UPU xi darba kien hemm il-fehim li l-“libertà tat-tranżitu” jew “territorju postali uniku” (l-Artikolu 23) jillimita “espressament” id-dritt sovrani tal-pajjiżi membri li jilleġiżlaw kontrolli doganali u ta' sigurtà xierqa għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni, jew għat-tranżitu ta' merkanzija postali.

Fl-aħħar nett, ma hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-operaturi postali ta' pajjiżi terzi u tal-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ma hijiex membru tal-UPU, il-politika doganali komuni tagħha hija realtà fundamentali aċċettata mill-partijiet tal-UPU kollha fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO, World Trade Organisation), fid-WCO jew fir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali. Is-Suq Intern u l-Unjoni Doganali tal-Unjoni jimplikaw li r-regolamenti u r-rekwiżiti relatati li qabel kienu applikati bejn l-Istati Membri tagħha ġew eliminati abbażi tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti komuni applikabbli fil-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea. Ir-rekwiżiti tad-data elettronika bil-quddiem (EAD) imposti mill-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tas-sistema ICS2 għall-protezzjoni tas-sikurezza u s-sigurtà japplikaw għall-merkanzija kollha li tidħol mingħajr eċċezzjoni. Dan huwa rekwiżit stabbilit mid-dritt tal-UE, li jrid jiġi rrispettat mingħajr eċċezzjoni. Id-distinzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi hija ġġustifikata minħabba l-kontrolli armonizzati stabbiliti fil-livell tal-UE. Għalhekk, l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi ma humiex fl-istess sitwazzjoni regolatorja.

It-titjib tal-istandards u l-protokolli tal-UPU li għandhom x'jaqsmu mal-forniment tal-EAD għall-finijiet tas-sikurezza u s-sigurtà huwa inizjattiva li għandha tintlaqa' tajjeb.

Billi l-UE ma hijiex membru tal-UPU fiha nnifisha u li huma l-Istati Membri tal-UE li għandhom sħubija fl-UPU, hemm obbligu għall-Istati Membri li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Hija l-intenzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill li l-Istati Membri jkollhom pożizzjoni koordinata sabiex jasserixxu li l-miżuri ta' sigurtà doganali tal-UE skont il-KDU huma kompatibbli mal-atti tal-UPU, u mal-prinċipji fundamentali tagħhom, u li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw il-ħidma kontinwa biex jiġu indirizzati kwistjonijiet prattiċi u operazzjonali relatati mar-rekwiżiti tal-EAD, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-aderenza mar-rekwiżiti tal-ENS tal-UE.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hix membru tal-korp jew parti għall-ftehim⁴.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*⁵.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kungress tal-UPU huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni tal-UPU.

Ir-rapport li l-Kungress tal-UPU jintalab japprova jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali, peress li l-att previst fih interpretazzjonijiet legali li skonthom ċerta leġiżlazzjoni tal-UE adottata skont il-KDU hija inkompatibbli mal-Konvenzjoni tal-UPU. Għalhekk, l-adozzjoni ta' rapport bħal dan tista' tinfluwenza b'mod deċiżiv il-leġiżlazzjoni tal-UE.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva sabiex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punt 64.

⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-att previst isegwi objettivi u għandu komponenti fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali fil-qafas tal-Unjoni doganali, tal-politika kummerċjali komuni u tas-suq intern. Dawn l-elementi tal-att previst huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 33 tat-TFUE.

4.3 Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 33, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-28 Kungress tal-Unjoni Postali Universali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33, 114 u 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tal-UPU ("il-Ftehim") daħlet fis-seħħ fl-1874. L-UE ma hijiex membru tal-UPU, filwaqt li l-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet għall-UPU.
- (2) Permezz tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (il-Kodiċi) flimkien mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446, l-Unjoni tiżgura s-sigurtà u s-sikurezza fil-fruntieri esterni tagħha billi tirrikjedi s-sottomissjoni ta' ċerta data elettronika dwar il-merkanzija kollha li tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni, inkluża l-merkanzija f'kunsinni postali (data elettronika bil-quddiem). Dan ir-rekwiżit huwa għustifikat sabiex tiġi mmitigata t-theddida potenzjali għall-ktajjen tal-provvista tat-trasport, għas-sigurtà u s-sikurezza tal-Unjoni u tar-residenti tagħha, għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għall-ambjent jew għall-konsumaturi.
- (3) Skont l-Artikoli 10(3), 13, 14(2), 16, 18 u 19(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-UPU għall-Kungress, l-UPU tista' tiegħu nota tal-proposti sottomessi u tapprovahom, speċifikament f'dan l-eżempju fil-Kumitat 3 tal-Kungress tal-UPU.
- (4) It-28 Kungress tal-UPU huwa mitlub jiegħu nota ta' rapport li jkun fih opinjoni legali miktuba minn membru tas-Segretarjat tal-UPU, li jqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà tal-qafas leġislattiv tal-Unjoni dwar data elettronika bil-quddiem ma' ċerti prinċipji minquxa fil-kostituzzjoni tal-UPU kif ukoll dwar in-natura legali stabbilita internazzjonalment tal-Unjoni doganali. Barra minn hekk, it-28 Kungress tal-UPU huwa mitlub japprova riżoluzzjoni fil-forma ta' proposta ta' gwida ġenerali (il-proposta 9) li hija maħsuba biex tuża dan ir-rapport u l-opinjoni legali bħala bażi għall-kontinwazzjoni tal-ħidma fuq ir-rieżami ta' kwistjonijiet regolatorji doganali.
- (5) It-28 Kungress tal-UPU jrid jeżamina wkoll proposta sottomessa mill-Istati Uniti tal-Amerka biex tiġi orjentata l-ħidma taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UPU u tal-gruppi ta' ħidma u tal-kumitati assoċjati lejn it-titjib u l-espansjoni tal-istandards, tal-gwida u tal-implimentazzjoni tal-UPU relatati mas-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport u l-ġlieda kontra merkanzija perikoluża u pprojbita fil-posta internazzjonali.
- (6) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-28 Kungress tal-UPU, biex jiġu ppreservati d-drittijiet u l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

- (7) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li għandha tittieħed pożizzjoni koordinata mill-Istati Membri biex jappoġġaw b'mod attiv il-kompatibbiltà tal-qafas leġislattiv tal-Unjoni rigward ir-rekwiżiti tas-sikurezza u s-sigurtà għall-merkanzija li tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni mal-Kostituzzjoni u l-Atti tal-UPU.
- (8) Peress li l-UE ma hijiex membru tal-UPU, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kungress tal-UPU, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-28 Kungress tal-Unjoni Postali Universali hija stabbilita fl-Addendum ta' din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kungress tal-UPU, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan it-28 Kungress tal-Unjoni Postali Universali dwar ir-rekwiżiti doganali għal informazzjoni elettronika bil-quddiem.

Kungress-Dok 42

Punt fuq l-aġenda 1: Il-Kungress jintalab jieħu nota tar-rapport (il-paragrafi 1 sa 20 u l-Annessi 1 u 2)

Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar dan il-punt għall-aġenda għandha tkun li tivvota kontra t-teħid ta' nota dwar ir-rapport.

B'hekk huma ma għandhomx jaqblu mal-valutazzjoni magħmula mill-konsulent legali rigward il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet leġislattivi tal-Unjoni għas-sottomissjoni tad-data elettronika bil-quddiem (EAD, Electronic Advance Data).

L-Istati Membri għandhom jenfasizzaw li hemm konsistenza sħiħa bejn ir-rekwiżiti tas-sigurtà doganali tal-UE u l-atti tal-UPU u l-prinċipji fundamentali.

L-Istati Membri għandhom jenfasizzaw l-ispeċifità tas-suq intern tal-UE u jispjegaw li l-kontrolli fil-fruntieri interni fi ħdan l-UE ġew eliminati u li l-UE għandha tiġi ttrattata, mill-perspettiva postali kif ukoll doganali u tas-sigurtà, bħala entità waħda. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li r-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzeri qablu li japplikaw l-istess miżuri ta' sigurtà u sikurezza fis-seħħ fl-UE, inkluż li jkun parti mill-ICS2, u għalhekk il-kummerċ bejn dawn il-pajjiżi u l-UE huwa eżentat mir-rekwiżit li jiġu ppreżentati dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u tal-ħruġ.

L-Istati Membri għandhom jinnotaw li l-prinċipji tal-UPU tat-territorju postali uniku u l-libertà tat-tranżitu ma humiex obbligi assoluti u mhux kwalifikati, li jegħlbu kwalunkwe objettiv ieħor ta' ordni pubblika, inklużi s-sikurezza u s-sigurtà.

Punt fuq l-aġenda 2: Il-Kungress huwa mitlub japprova l-proposta ta' natura ġenerali relatata mal-ħidma ulterjuri fl-iżvilupp tal-politika doganali u tal-qafas regolatorju (il-proposta 9 tar-Rapport):

Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun li tkompli tesprimi impenn biex tappoġġa b'mod attiv il-ħidma matul iċ-ċiklu ta' politika li jmiss u tiddikjara li hija lesta li tinvolvi ruħha fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' implimentazzjoni Prattika u operazzjonali fir-rigward tal-proċessi tal-ICS2 li jħallu impatt fuq l-operaturi postali ta' pajjiżi terzi, filwaqt li tkompli tosserva u tiddefendi bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-UE.

L-Istati Membri għandhom ikomplu jiddikjaraw l-oġġezzjoni tagħhom għall-inklużjoni fil-Proposta 9 tal-valutazzjoni legali tal-membri tas-segretarjat tal-UPU li hija kkontestata mill-UE u mill-Istati Membri tagħha għall-klassifikazzjoni kompletament mhux akkurata tar-rekwiżiti tal-EAD tal-UE bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni tal-UPU u l-atti legali tagħha. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jemendaw, fit-28 Kungress tal-UPU, l-istruzzjoni kkontestata bil-għan li jneħħu r-referenza ta' din il-valutazzjoni legali biex isservi bħala bażi għal rieżami ulterjuri tal-kwistjonijiet regolatorji doganali.

Fil-każ li l-Proposta 9 tiġi adottata mingħajr tibdil xieraq fil-paragrafu kkontestat, l-Istati Membri għandhom jesprimu n-nuqqas ta' qbil tagħhom bil-miktub lill-Kongress tal-UPU, lill-Uffiċċju Internazzjonali tal-UPU u lill-Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-UPU.

Pożizzjoni li għandha tittieħed fir-rigward tal-Proposta 15 sottomessa mill-Istati Uniti tal-Amerka

L-Istati Membri għandhom jieħdu nota tal-proposta sottomessa mill-Istati Uniti tal-Amerka u jindikaw l-appoġġ tagħhom għall-prinċipji ġenerali li jinsabu fil-proposta.

L-Istati Membri għandhom jindikaw ir-rieda tagħhom li jiddiskutu l-flussi ta' ħidma speċifiċi proposti mill-Istati Uniti tal-Amerka fil-kuntest tal-iżgurar tas-sikurezza u s-sigurtà tal-merkanzija fil-posta internazzjonali, mingħajr ma jpoġġu piż żejjed fuq il-proċedura ta' dħul jew jimponu obbligi fuq l-operaturi postali maħtura li jaqbżu dawk applikati għal partijiet ikkonċernati oħra fil-katina tal-provvista.